**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR BRIGITTE SULTANA LL.D. LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Seduta tal-lum, il-Ħamis, 06 ta' Jannar, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**John Anthony Cassar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat John Anthony Cassar, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 94800L ta' 33 sena, iben Raymond u Geswalda nee' Curmi mwieled New York, Amerika, nhar 8 ta' Settembru, 1988 u residenti 17, Triq il-Forn il-Ġir, Rabat, Għawdex li permezz tagħha ġie akkużat li

i) nhar il-31 ta' Diċembru, 2021 għall-ħabta ta' 11:55 pm waqt li kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Toyota IST, bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni GBA203, fi triq tax-Xħajma, Xewkija Għawdex u/jew fil-viċinanzi saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluż u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65;

ii) ġie akkużat ukoll illi fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku kkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta'

Christian Joseph Bajada skont ma' ċertifika Dr. A. Kliar M.D.Reg. No. 4522 minn l-isptar Ġenerali ta' Għawdex u dan bi ksur tal-artikolu 226(1)(b) tal-kap. 9, u

iii) illi fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi meta ġie mitlub li jagħti kampjun meħtieg ta' nifs, irrifjuta jew naqas milli jagħmel dan, u dan bi ksur tal-Art. 15E(4) tal-Kap. 65.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih b'dan li r-raba' imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Il-Qorti wissietu bi kliem sempliċi u li jinftiehem kif ukoll bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista' tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi;

Il-Qorti għaddiet biex temporanjament issospendiet is-seduta u akkordat ħin lill-imputat sabiex ikun jista' jirrifletti fuq din it-twissija mogħtija lilu mill-Qorti, inkluż billi, jekk irid, jikkonsulta mal-Avukat Difensur. Wara li tatu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux ser jerġa' lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-preżenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat din il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih skont kif intqal aktar 'il fuq;

Fliet ix-xiehda prodotta u rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena;

**Ikkunsidrat.**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi inflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat u kif ukoll l-ammissjoni bikrija tiegħu.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a) u l-Artikolu 15(e)(4) tal-Kap. 65 Liġijiet ta' Malta, l-Artiklu 226(1)(b) tal-Kap. 9 Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat John Anthony Cassar ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundanna lil John Anthony Cassar għal ħlas ta' multa ta' elf tmien mija u għoxrin ewro (€1,820).

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan tal-imputat għal żmien sitt xhur li jibdew jiddekorru min-nofsillejl u minuta ta' għada filgħodu.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur